

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 378



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

23 ta' Diċembru 2011

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2011/C 378/01

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-logħob miftiehem 1

Rettifika

2011/C 378/02

Procès-verbal ta' Rettifika tat-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, iffirmit f'Lisbona fit-13 ta' Diċembru 2007 (ĠU C 306, 17.12.2007) 3

MT

 Prezz:
 EUR 3

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-logħob miftiehem

(2011/C 378/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. WAQT LI JFAKKAR

- li l-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2011 stabbilixxa Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Ispport għall-2011-2014 ⁽¹⁾ li enfażizza l-logħob miftiehem u l-promozzjoni tal-governanza tajba bħala tema ta' prijorità. li l-Grupp ta' Esperti "Governanza Tajba fl-Ispport" ġie stabbilit biex tiġi żviluppta dimensjoni Ewropea tal-integrità fl-isport bil-fokus inizjali fost affarijiet oħra fuq il-ġlieda kontra l-logħob miftiehem.
- li ttieħdu diversi inizjattivi relatati mal-kwistjoni tal-logħob miftiehem mill-Unjoni Ewropea, inkluż id-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar aspetti relatati mal-isport tal-imħatri online fil-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2011, fil-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-Logħob tal-Azzard Onlajn fis-Suq Intern ⁽²⁾, fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE ⁽³⁾ u f'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Ispport ⁽⁴⁾.
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropea dwar il-promozzjoni tal-integrità tal-isport kontra l-manipulazzjoni tar-riżultati speċjalment il-logħob miftiehem bħala l-ewwel pass f'dan il-qasam ⁽⁵⁾.

2. KONXJU LI

1. Apparti d-doping, il-logħob miftiehem huwa wieħed mit-thedd id l-aktar sinifikanti għall-isport kontemporanju u li jagħmel ħsara lill-immagna tal-isport billi jfixkel l-integrità u l-imprevedibbiltà tal-kompetizzjoni sportiva. Huwa

jikkontradixxi l-valuri fundamentali tal-isport, bħall-integrità, il-fair play u r-rispett għall-oħrajn. Minħabba l-popolarità dinjija tal-isport, il-problema mhix limitata la għal Stat Membru wieħed u lanqas għal sport wieħed. Il-logħob miftiehem huwa forma ta' frodi sportiva u jista' jseħħ bl-involvement ta' kartellijiet ta' imħatri illegali li jistgħu jkunu marbuta mal-ħasil tal-flus.

2. Azzjonijiet fil-livell tal-UE maħsuba biex jikkumbattu l-logħob miftiehem għandhom jikkumplementaw azzjonijiet magħmula mill-moviment tal-isports, l-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi tal-imħatri.
3. Sanzjonijiet xierqa, effettivi u dissważivi, inklużi daww kriminali u/jew dixxiplinari, huma neċessarji għall-ġlieda kontra l-logħob miftiehem. F'dan ir-rigward, il-Kunsill għalhekk jilqa' l-istudju mniedi mill-Kummissjoni dwar il-qafas legali applikabbli għall-frodi fl-isport, b'mod partikolari l-logħob miftiehem, fl-Istati Membri tal-UE.
4. Il-governanza tajba fl-isport hi komponent essenzjali fil-ġlieda kontra l-logħob miftiehem. Problemi bħal-logħob miftiehem jidhru li huma anqas frekwenti fejn jintlaħqu l-istandards tal-governanza tajba, fost oħrajn il-projbizzjoni ta' imħatri fuq l-isport propju tiegħek, il-ħlas regolari ta' salarji lill-plejers, l-istabbiltà finanzjarja u t-trasparenza.

3. F'DAN IL-KUNTEST, JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE U L-PARTIJIET INTERESSATI, WAQT LI JAĠIXXU FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI TAGĦHOM U WAQT LI JIKKUNSIDRAW L-AWTONOMIJA TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET SPORTIVI, BIEX:

1. Jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' programmi edukattivi, pereżempju abbażi tal-esperjenza ta' persuni sportivi mill-passat biex titjeb is-sensibilizzazzjoni tal-atleti u l-uffiċjali tal-isports rigward ir-riskji assoċjati mal-manipulazzjoni tar-riżultati u biex jiġi evitat li dawn jipparteċipaw ftali attivitajiet.

⁽¹⁾ ĠU C 162, 1.6.2011, p. 1.⁽²⁾ COM(2011) 128 finali.⁽³⁾ COM(2011) 308 finali.⁽⁴⁾ COM(2011) 12 finali.⁽⁵⁾ Rakkomandazzjoni CM/Rec (2011) 10.

2. Jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni mill-qrib u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha fil-ġlieda kontra l-logħob miftiehem b'mod effettiv, inkluż permezz ta' kwalunkwe forma adatta ta' ftehimiet internazzjonali fil-livelli kollha, b'mod partikolari għall-iskambju tal-informazzjoni dwar l-aħjar prattiki fil-prevenzjoni, il-prosekuzzjoni u l-monitoraġġ ta' imħatri suspettużi fuq avvenimenti sportivi.
3. Jeżaminaw il-possibbiltà tat-tnedija ta' studji dwar il-logħob miftiehem, l-identifikar tal-iskala tal-fenomeni, il-problemi eżistenti kif ukoll is-soluzzjonijiet possibbli.
4. JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE, IL-PRESIDENZA U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, WAQT LI JAĠIXXU FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI TAGĦHOM U B'RISPETT GĦALL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ U WAQT LI JIĦDU KONT TAL-ISTRUTTURA ISTITUZZJONALI TAGĦHOM, BIEX:
1. Jimmonitorjaw u jikkontribwixxu għall-ħidma li għaddejja dwar il-kwistjoni tal-logħob miftiehem imwettaq f'fora internazzjonali differenti, inkluż il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali u l-Kunsill tal-Ewropa. F'dan ir-rigward, jirrikonoxxu l-ħtieġa biex l-Istati Membri jikkondividu l-informazzjoni u jottimizzaw il-kontribut tal-Istati Membri tal-UE f'dawn il-proċessi.
 2. Jappoġġaw il-ħidma futura fil-Grupp ta' Esperti "Governanza Tajba fl-Ispport" bil-ħsieb tal-iżvilupp ta' dimensjoni Ewropea tal-integrità fl-isport b'fokus partikolari fuq il-ġlieda kontra l-logħob miftiehem, inklużi kwistjonijiet bħall-miżuri preventivi, is-sensibilizzazzjoni, il-kondiviżjoni tal-prattiki tajba, l-iskambu tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri eżempju billi jiżviluppaw kompendju tal-aħjar prattiki, l-iffaċilitar tal-miżuri ta' monitoraġġ u infurzar fil-qafas tal-liġijiet eżistenti, u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-moviment tal-isport u l-operaturi tal-imħatri.
 3. Jinkludu fil-ftehimiet internazzjonali rilevanti, fil-livell nazzjonali u tal-UE, dispożizzjonijiet dwar il-ħtieġa ta' kooperazzjoni fl-indirizzar tal-problema tal-logħob miftiehem b'mod partikolari f'rabta mal-logħob tal-azzard irregolari.
4. Fid-dawl tar-riżultati tal-istudji pendenti, jikkunsidraw minghajn dawk dikjarazzjoni politika bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-moviment tal-isport u l-operaturi tal-imħatri.
5. JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:
1. Minghajn sovrapożizzjoni fuq inizjattivi oħrajn u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati, jikkunsidraw it-tnedija ta' studju li jiddeskrivi din is-sitwazzjoni fir-rigward tal-logħob miftiehem fl-UE u lil hinn, waqt li jidentifika l-problemi eżistenti kif ukoll l-inizjattivi eżistenti mmirati għall-ġlieda kontra l-logħob miftiehem u jipproponi rakkomandazzjonijiet dwar soluzzjonijiet possibbli li għandhom jiġu adottati fil-livell tal-UE u dak internazzjonali.
 2. Tippromwovi l-ġlieda kontra l-logħob miftiehem fil-qafas tad-djalogu tagħha mal-partijiet interessati fil-qasam tal-isport, b'mod partikolari bħala parti mill-Forum tal-Ispport tal-UE.
 3. Tikkunsidra li tipprova proġetti transnazzjonali b'appoġġ għall-prevenzjoni tal-logħob miftiehem, b'mod partikolari bil-għan li jitqajjem aktar għarfien fost l-atleti u l-uffiċjali tal-isports.
 4. Tikkunsidra tagħmel proposta, fid-dawl tar-riżultati tal-istudji msemmija hawn fuq u l-ħidma tal-Grupp ta' esperti "Governanza Tajba fl-Ispport" kif ukoll attivitajiet magħmulin f'fora internazzjonali differenti, għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-logħob miftiehem.
 5. Tinkludi kwistjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-logħob miftiehem, b'mod partikolari f'rabta mal-logħob tal-azzard irregolari, fil-kuntatti u r-relazzjonijiet bilaterali tagħha ma' Pajjiżi Terzi rilevanti.

RETTIFIKA

PROCÈS-VERBAL TA' RETTIFIKA

tat-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, iffirmit f'Lisbona fit-13 ta' Diċembru 2007

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 306, tas-17 ta' Diċembru 2007)

(2011/C 378/02)

Din ir-rettifika saret permezz ta' Procès-verbal ta' Rettifika li ġie ffirmat f'Ruma, fit-2 ta' Diċembru 2011, bil-Gvern tar-Repubblika Taljana bħala depożitarju.

1. Emendi għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

Paġna 114, Artikolu 2, punt 236)

Flok: "Artikolu 249 C

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha tad-dritt nazżjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-atti ta' l-Unjoni legalment vinkolanti.
2. Meta jkun hemm bżonn ta' kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' l-atti ta' l-Unjoni legalment vinkolanti, dawn l-atti jistgħu jagħtu l-kompetenzi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni jew, fil-każijiet speċifiċi ġustifikati b'mod xieraq u fil-każijiet previsti fl-Artikoli 11 u 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skond il-proċedura legiślattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu minn qabel irregoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-miżuri ta' kontroll mill-Istati Membri fuq l-eżerċizzju talkompetenzi ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.
4. Il-kelma 'implimentazzjoni' għandha tiddaħħal fl-atti ta' l-implimentazzjoni.",

Aqra: "Artikolu 249 C

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha tad-dritt nazżjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-atti ta' l-Unjoni legalment vinkolanti.
2. Meta jkun hemm bżonn ta' kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' l-atti ta' l-Unjoni legalment vinkolanti, dawn l-atti jistgħu jagħtu s-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni jew, fil-każijiet speċifiċi ġustifikati b'mod xieraq u fil-każijiet previsti fl-Artikoli 11 u 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skond il-proċedura legiślattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu minn qabel ir-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.
4. Il-kelma 'implimentazzjoni' għandha tiddaħħal fl-atti ta' l-implimentazzjoni.",

2. Att Finali

Paġna 262, A. Dikjarazzjonijiet dwar dispożizzjonijiet tat-Trattati, 39. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 249 B tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea

Flok: "Il-Konferenza tinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibqa' tikkonsulta l-esperti maħtura mill-Istati Membri fit-thejjja ta' atti delegati fil-qasam tas-servizz finanzjarju skond il-prattika stabbilita tagħha.",

Aqra: "Il-Konferenza tinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibqa' tikkonsulta l-esperti maħtura mill-Istati Membri fit-thejjja ta' abbozzi ta' atti delegati fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, skond il-prattika stabbilita tagħha.",

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

